# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Deċiżjoni Preliminari Numru 2290**
Każ Numru 3202/KBC
Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn:

Perit Andrè Pizzuto
u
Awtorità tad-Djar

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi ngusta u allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju, 2014

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-14 ta' Frar, 2014, li permezz tiegħu r-rikorrent allega li l-impjieg tiegħu kien ġie terminat għal raġuni mhux valida fil-liġi, li fil-kors tal-impjieg tiegħu huwa kien soġġett għal diskriminazzjoni u trattament diżugwali da parti tal-intimata u talab li jingħata kumpens għal danni allegatament sofferti minnu.

Ra r-risposta tal-awtorità ntimata u l-eċċezzjoni tagħha li dan it-Tribunal mhux kompetenti li jisma' l-każ ġaladarba l-każ ma jittrattax kuntratt għal żmien indefinit.

Ra d-dokumenti esebiti mill-awtorità ntimata;

Ra li fis-seduta tal-25 t'April, 2014, il-partijiet ittrattaw din l-eċċezzjoni preliminari u l-każ tħalla għad-deċiżjoni preliminari dwar l-istess eċċezzjoni tal-awtorità ntimata;

**Ikkunsidra:-**

Illi l-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal hija waħda speċjali u limitata b'dak li hemm provdut fil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta li jinkludu l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija nġusta u l-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal

Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I tal-istess Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu. (Art. 75(1) tal-Kap. 452).

Illi fit-trattazzjoni tiegħu, id-difensur tal-awtorità ntimata jargumenta li kuntratt għal żmien definit "huwa iżjed fl-ambitu ta' kirja ta' xogħol milli ta' mpjieg bħala employer-employee relationship."

It-Tribunal ma jikkondividix il-fehma tal-awtorità ntimata in materja. Skont artiklu 33 tal-Kap. 452, "Persuna tista' tintrabat li tagħti s-servizzi tagħha għal żmien imsemmi jew bla limiti, jew dwar biċċa xogħol, impriża, opra jew servizz imsemmijin" u dawn il-forom diversi xorta jibqgħu kuntratt ta' mpjieg li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal kif provedud fl-artikolu 75(1). Ma hemm l-ebda dubju li kuntratt għal żmien li jagħlaq jibqa' kuntratt ta' mpjieg. Hemm imbagħad id-dokumenti preżentati mill-awtorità stess, fosthom kuntratt intestat "Contract of Employment", li ma jħallu ebda dubju li l-impjegat tal-inqas f'xi żmien serva taħt kuntratt ta' mpjieg.

It-Tribunal f'dan l-istadju mhux qed jipprovdi dwar jekk il-kuntratt huwiex tassew wieħed għal żmien definit jew indefinit peress li din tidher li hija materja kontenzjuża bejn il-partijiet li timmerita li tkun eżaminata aktar bir-reqqa, wara li l-partijiet ikollhom l-opportunità li jressqu l-provi tagħhom. Madankollu, huwa ċar li t-Tribunal għandu kompetenza skont il-liġi li jisma' t-talbiet tar-rikorrent.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jiddikjara ruħu kompetenti biex jisma' t-talbiet tar-rikorrenti, jiċħad l-eċċezzjoni immarkata bin-numru (2) tal-awtorità ntimata, u jordna għalhekk il-prosegwiment tas-smiegħ tal-każ.**

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**